MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## ANNA FELICE

Seduta tas-26 ta' Jannar, 2012

Citazzjoni Numru. 890/2006

**Brian Dimech**

**vs**

**Joseph Bezzina u Marvin Bezzina**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta’ Brian Dimech fejn dan, wara li ppremetta illi:

Ir-rikorrent Brian Dimech kien gie aggredit mill-intimati nhar is-7 ta’ Marzu 2003 fil-Klabb tal-Bocci ta’ Hal Luqa, u ikkagunawlu feriti ta’ natura gravi fuq il-persuna tieghu.

Sussegwentement infethu proceduri kriminali kontra l-intimati, liema proceduri gew konkluzi (ara vera kopja tas-sentenza hawn annessa u mmarkata Dok. B).

Ai termini tas-sentenza imsemmija u moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Magistrat Myriam Hayman) nhar it-3 ta' Frar 2006 entrambi l-intimati instabu hatja talli "volontarjament ikkagunaw offizi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Brian Dimech...u aktar talli fl-istess data, hin u cirkostanzi...kisru l-paci u l-bon ordni b'ghajjat u glied" u b'hekk gew ikkundannati ghall-piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal erba' snin ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ir-rikorrenti gie ccertifikat li qed ibati minn feriti ta' natura gravi li jikkonstitwixxu sfregju f'wiccu u li skond ir-rapport mediku mahrug mit-Tabib Joseph E. Bezzina (hawn anness u mmarkat Dok. C) jirraprezentaw tmienja fil-mija (8%) total ta' dizabilita' permanenti.

Dawn il-feriti hekk ikkagunati qeghdin joholqu problemi lir-rikorrent u qeghdin itellfulu opportunitajiet kemm fuq livell ta' impjieg kif ukoll fil-hajja generali, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

L-intimati gew interpellati diversi drabi mir-rikorrent sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u l-hlas ta' danni ikkagunati minnhom fuq il-persuna tieghu, izda dawn xorta wahda baqghu inadempjenti.

Talbu l-intimati jghidu ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddikjara u tiddeciedi, in vista tal-premess, li l-intimati kkawzaw danni gravi sofferti fuq il-persuna tar-rikorrent; u

Konsegwentement tillikwida d-danni inkorsi mir-rikorrenti bhala konsegwenza tal-hsarat fuq imsemmija, inkluzi l-ispejjez medici, okkorrendo bl-assistenza ta' *periti nominandi*; u

Tikkundanna u tordna lill-intimati sabiex ihallsu l-ammont hekk likwidat lir-rikorrent.

Bl-ispejjez kontra l-intimati li huma ingunti ghas-subizzjoni, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata l-10 ta' Mejju 2004, u

bl-imghaxijiet relattivi li jiddekorru mid-data tal-incident u cioe' mis-7 ta' Marzu 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat li, ghalkemm debitament notifikati bl-atti tal-kawza, l-intimati Joseph Bezzina u Marvin Bezzina ghazlu li ma jwiegbux ghall-kawza u lanqas dehru personalment fil-Qorti.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Jirrizulta illi l-vertenza odjerna taf il-bidu taghha ghall-argument zghir bejn ir-rikorrenti u l-intimat Joseph Bezzina f'kazin, argument li deher li intesa sakemm, gimghat wara, l-intimati flimkien hebbew ghar-rikorrenti. Marvin Bezzina kisser tazza f'wicc Brian Dimech, filwaqt li Joseph Bezzina ta daqqa ta' flixkun fuq ras Dimech. Il-feriti li sofra Dimech kienu tali li hallew b'dizabilita' li giet iccertifikata tilhaq it-8%. L-ahwa Bezzina, intimati f'din il-kawza, kienu misjuba hatja mill-Qorti tal-Magistrati u gew kundannati ghall-piena karcerarja ta' sentejn sospizi ghal erba' snin.

Huma tnejn il-principji li qeghda zzomm quddiem ghajnejha l-Qorti fir-rigward. L-ewwelnett, kif huwa ben risaput, il-kontumacja ma tista' qatt titqies bhala ammissjoni tat-talbiet. Il-fatt li intimat ma jwegibx ghall-kawza ma jizonerax lill-istess rikorrenti mill-obbligu tieghu li jipprova li t-talbiet tieghu huma misthoqqa.

Imbaghad, il-Qorti tirreferi ukoll ghall-fatt li l-proceduri kriminali u dawk civili huma t-tnejn indipendenti minn xulxin u s-sejbien ta' htija fi procediment kriminali huwa biss wahda mill-provi accessibbli lir-rikorrenti fil-proceduri civili.

Dan enfasizzat il-Qorti ghaddiet biex ezaminat il-provi prodotti mir-rikorrenti fil-kawza odjerna. Fl-affidavit tieghu,

ir-rikorrenti jirrakkonta fid-dettal x'gara meta gie aggredit mill-intimati.

"*Dhalna niehdu soft drink fuq il-mejda u naraw it-television waqt li mal-bar kien hemm xi tlett klienti jixorbu. Wara ftit dahlu Joseph Bezzina u huh Marvin ma tlett ihbieb taghhom. Marvin Bezzina li jigi hu Joseph Bezzina dahal minn warajja u bla raguni ta' xejn kissirli tazza tal-birra ma' wicci, filwaqt li huh, Joseph Bezzina, tani daqqa ta' flixkun fuq rasi.*"

Il-verzjoni tieghu kienet kompletament korroborata minn Anne Marie Borg li xehedet fil-proceduri kriminali quddiem il-Magistrat Hayman li ghax-xhieda tal-istess Borg taghmel referenza fis-sentenza stess.

Ghaldaqstant, il-Qorti ma ssib ebda diffikulta' li tiddikjara l-intimati responsabbli ghall-akkadut.

<u>Danni</u>

Ghar-rigward ta' damnum emergens, ir-rikorrenti jikkonferma li hallas Lm50, u cioe' €116.47.

Jirrizulta mbaghad pruvat illi r-rikorrenti sofra dizabilita' ta' 8%, u dan skond ma ccertifika l-kirurgu J.E. Briffa (fol. 9 u xhieda fol. 208); li elenka d-diversi cikatrici li l-incident halla f'wicc ir-rikorrenti. L-istess kirurgu jispjega li ghalkemm wahda minn dawn il-marki tista' possibilment tigi sa certu punt tittaffa bil-kirurgija, l-erba' l-ohra huma permanenti u ma jistghux jigu operati.

Jirrizulta illi l-paga annwali tar-rikorrenti hija €15,159 (payslip fol. 216). Galadarba, ir-rikorrenti ghandu 26 sena; jibghalu hajja produttiva ta' 39 sena.

Ghalhekk: €15,159 x 39 x 8 / 100 = €47,296

Din il-Qorti m'hijiex ser taghmel riduzzjoni ghal-lump sum payment peress illi l-incident de quo ilu li sehh mill-2003 u, in oltre, jirrizulta illi hemm possibilita' konkreta li l-istess

attur ser ikollu jissottometti ruhu ghal interventi kirurgici ohrajn fil-futur.

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi, fil-kontumacja tal-konvenuti, tilqa’ l-ewwel talba tar-rikorrenti; tilqa’ t-tieni talba u tillikwida d-danni fl-ammont ta’ sebgha u erbghin elf, mitejn u sitta u disghin Ewro (€47,296), ekwivalenti ghal ghoxrin elf, tlett mija u erba’ Liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm20,304.17); tilqa’ t-tielet talba u tikkundanna lil Joseph Bezzina u Marvin Bezzina in solidum ihallsu lil Brian Dimech is-somma ta’ sebgha u erbghin elf, mitejn u sitta u disghin Ewro (€47,296), ekwivalenti ghal ghoxrin elf, tlett mija u erba’ Liri Maltin u sbatax-il centezmu (Lm20,304.17), bl-ispejjez kif mitluba fir-rikors promotur.

L-ispejjez tal-kawza jithallsu minn Joseph u Marvin Bezzina.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------